MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 132/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sandro (Alexander George) Schembri Adami**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, limitat ghall-piena, interpost minn Sandro (Alexander George) Schembri Adami minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Marzu 2010.

**2.** L-imsemmi Schembri Adami (bin Franz u Yvonne nee Brincat, imwieled fil-25 ta' Awwissu 1963, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 488863M) tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Inferjuri fis-17 ta' Awwissu 2005 akkuzat talli f'Mejju tas-sena 2005 u fix-xhur ta' qabel (**1**) b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bhala ufficjal pubbliku, approprija ruhhu billi

dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra ammont ta flus li jeccedi l-elf lira (Lm1,000) a dannu ta' diversi persuni (li gew indikati fl-akkuza), liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat minn dawk il-flus, u liema flus gew fdati f'idejh jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu; (**2**) talli fl-istess periodu u cirkostanzi, fil-kapacita` tieghu ta' ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu ghamel jew naqas li jaghmel xi att b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor; (**3**) fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa kien akkuzat ukoll talli fl-istess periodu u cirkostanzi, fil-kapacita` tieghu ta' Nutar Pubbliku, naqas li jhallas it-taxxa dovuta taht id-disposizzjonijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti; kif ukoll (**4**) dejjem fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, kien gie akkuzat talli, bhala Nutar Pubbliku, naqas milli jhallas it-taxxa dovuta taht id-disposizzjonijiet ta' l-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

**4.** Wara kumpilazzjoni li damet ghaddejja ftit anqas minn sentejn u wara li fit-30 ta' April 2007 l-Avukat Generali baghat il-kaz lill-Qorti Inferjuri biex dan jigi trattat u deciz minn dik il-qorti fin-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat (ara fol. 316 tal-attijiet tal-istruttorja), l-imputat, <u>fl-udjenzi tal-15 ta' Mejju 2009 u tat-18 ta' Dicembru 2009</u> ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. B'sentenza moghtija mill-Qorti Inferjuri fit-12 ta' Marzu 2010, Sandro (Alexander George) Schembri Adami, fuq tali ammissjoni, gie dikjarat hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Inoltre l-ewwel qorti ordnat lill-hati, fit-termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kodici Kriminali sabiex fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza jhallas l-ekwivalenti f'Euro kif gej:

Lm1,700 lil Jesmond Borg;
Lm1,725 lil Joseph u Emmanuela Bonello;
Lm3,045 lill-ahwa Caruana eredi tal-mejtin Joseph u Emanuela Caruana;
Lm750 lil Remo [recte: Reno] Joseph Camilleri;

Lm450 lil Michael D'Amato;
Lm965 lil Godfrey Zahra u Carol Zahra;
Lm1,610 lil Joseph Borg u Kenneth Borg;
Lm1,025 lil Anthony Vidal u Mary Rose Vidal;
Lm1,025 lil Wilfred Borg u Doreen Borg;
Lm1,550 lil Maria Psaila u Doris Psaila;
Lm2,950 lil Alan Agius u Monique Debattista;
Lm10,016.79 lil Keith Farrugia u Moira Mizzi;
Lm2,815 lil Victor Borg u Carmela Borg;
Lm740 lill-eredi ta' Christopher Farrugia;
Lm840 lil George Ciappara u Carmen Ciappara; u
Lm250 lil Marvic Formosa.

**5.** Dik il-qorti ordnat ukoll l-interdizzjoni generali u perpetwa tal-hati skond l-Artikolu 140 tal-Kap. 9, kif ukoll ordnat li estratt tas-sentenza jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern skond ma jipprovdi l-Artikolu 10(7) tal-istess Kodici Kriminali.

**6.** Kif inghad, Schembri Adami interpona appell minn din is-sentenza permezz ta' rikors prezentat quddiem din il-Qorti fit-23 ta' Marzu 2010. L-aggravju tieghu jikkonsisti filli, skond hu, l-ewwel qorti "kkontradiciet lilha nnifisha" -- biex wiehed juza l-espressjoni wzata mid-difensur tieghu waqt it-trattazzjoni orali tat-28 ta' Mejju 2010 -- meta bl-iskop li tissalvagwarjda l-interessi tal-vittmi, inkludiet fl-ordni tas-sospensjoni tas-sentenza ta' prigunerija direttiva ghal restituzzjoni jew kumpens skond l-Artikolu 28H(1) tal-Kap. 9. Skond l-appellant, minhabba l-fatt li huwa ma jistax jahdem aktar ta' nutar u m'ghandux aktar assi, mhux ser ikun possibbli ghalih li jhallas l-ammonti indikati fiz-zmien indikat, b'mod ghalhekk li jkollu effettivament jiskonta l-piena ta' prigunerija hekk kif imqar wiehed biss mill-vittmi jipprezenta rikors skond is-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 28H. Hu qed jitlob, ghalhekk, li titnehha l-imsemmija direttiva ta' restituzzjoni fi zmien sitt xhur.

**7.** Dana l-appell mhux biss hu infondat izda huwa *ex lege* wiehed fieragh. Jibda biex jinghad li hawn ghandna ufficjal pubbliku – Nutar Pubbliku hu per definizzjoni skond il-ligi (ara l-Art. 2(1) tal-Kap. 55) ufficjal pubbliku – li fuq medda ta' zmien u ripetutament approprija ruhhu illegalment minn

flus haddiehor, b'mod li mhux biss abbuza gravement mill-fiducja tal-klienti tieghu izda, u aghar, f'hafna kazijiet ippregudika serjament l-interessi patrimonjali taghhom. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, dan ma kienx kaz ta' sentenza sospiza izda ta' sentenza ta' prigunerija b'effett immedjat, irrispettivament minn kemm ikkopera l-appellant, allura imputat, mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u rrispettivament minn sentenzi ohra li nghataw fil-konfront tieghu f'kawzi ohra li huwa kellu. Aktar u aktar ma kienx dan kaz ta' sentenza sospiza jekk huwa effettivament jinsab fil-posizzjoni li ma jistax ihallas lura dak li huwa ha indebitament, u dan irrispettivament minn jekk l-istat finanzjarju tieghu illum hux dovut ghal traskuragni jew, kif qalet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, "minhabba nfiq esagerat fil-politika". Pero` galadarba ma sar ebda appell mill-prosekuzzjoni, din il-Qorti hi prekluza milli b'xi mod taghmel xi haga f'dan ir-rigward.

**8.** Pero`, u kif inghad, dana l-appell huwa wkoll *ex lege* wiehed fieragh ghas-semplici raguni li <u>ebda dritt ta' appell ma hu moghti minn direttiva ta' restituzzjoni</u>. Infatti l-Artikolu 28I tal-Kap. 9 jipprovdi testwalment hekk: "Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tolqot id-dritt ta' appell ta' xi persuna kontra d-dikjarazzjoni ta' htija jew kontra s-sentenza kif provdut f'dan il-Kodici <u>izda ma jithalla jsir ebda appell fuq xi wahda minn dawn il-hwejjeg</u>…(*c*) <u>kull direttiva nkluza bis-sahha ta' l-artikolu 28H sabiex issir restituzzjoni jew jithallas kumpens, it-tul taz-zmien stabbilit sabiex issir dik ir-restituzzjoni jew jithallas dak il-kumpens bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu, jew id-decizjoni dwar l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas bis-sahha tas-subartikolu (3) ta' dak l-artikolu</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti). Fi kliem iehor, l-appellant <u>ma jistax jappella</u>, kif effettivament ghamel, biex titnehha l-imsemmija direttiva. Huwa f'dan is-sens li l-appell huwa *ex lege* wiehed fieragh.

**9.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh fis-sens tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 429 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant ammenda ta' mitejn euro

(€200) konvertibbli fi sbatax-il gurnata detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi. Il-periodu operattiv tas-sentenza sospiza u l-periodu ta’ sitt xhur ghall-finijiet tal-Artikolu 28H(2) jibdew jiddekorru mil-lum. Fl-ahharnett tigbed l-attenzjoni tar-Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali, ghad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 10(7) u 28A(8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------